# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

## 8 LEĠIŻLATURA

# Laqgħa Numru 012 (kontinwazzjoni tal-laqgħa numru 011)

**L-Erbgħa, 18ta' Diċembru, 2019**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Farrugia (JF) | Sindku |
| Is-Sur Scott Camilleri (SC) | Viċi Sindku |
| Is-Sa Josette Busuttil (JBD) | Kunsilliera |
| Is-Sur Sandro Alex Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sa Maria Mifsud ( MM) | Kunsilliera |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Kunsillier |

Membri tal-Pubbliku: Nil

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Carlo Stivala (CS) | Kunsillier |
| Is-Sa Doriana Portelli (DP) | Kunsilliera |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Sa Rosalie Mintoff – Aġent Segretarju Eżekuttiv

Is-Sur Joseph Farrugia, Sindku, ppresjeda

## Minuti

## 12.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji;

12.1.1 Is-Sindku qara emajl li permezz tagħha l-Kunsillieri Carlo Stivala, Stanley Zammit u Doriana Portelli kienu talbu lill-Kunsill Lokali jiġġustifika l-attendenza tagħhom mis-seduta. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera preżenti illi n-nuqqas tal-Kunsillieri kellha tiġi meqjusa bħala ġustifikata.

## 12.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

12.2.1 Din il-materja ġiet eżawrita fl-ewwel parti tas-seduta.

## 12.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku;

12.3.1 Din il-materja ġiet eżawrita fl-ewwel parti tas-seduta.

## 12.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

12.4.1 Talba mill-Kunsillier Sandro Alex Caruana għal poġġaman fejn il-Ferretti Restaurant. Din it-talba ġiet milqugħa, filwaqt li l-imsemmi poġġaman għandu jiġi maħdum mill-ħaddiema impenjati mal-istess Kunsill.

12.4.2 Ġiet approvata mill-Kunsilliera kollha preżenti t-talba tal-Kunsilliera Maria Mifsud, sabiex tinnomina l-persuni interessati li ser ikunu jifformaw is-sotto kumitat għall-ħarsien tal-ambjent.

12.4.3 Waqt din is-seduta tqajmu wkoll punti ta' lmenti mressqa mill-Kunsillier Carlo Stivala permezz ta' emajl, li ma punti b'mod speċjali fir-rigward tal-parkeġġ tad-dgħajjes imkissra li qed jieħdu spazju ta' dgħajjes oħrajn. Dawn l-istess punti ser ikunu ddiskussi fil-laqgħa li hemm ġa mifthema mal-Għaqda tas-Sajjieda f'Jannar 2020.

12.4.4 Il-Kunsillier Joseph Baldacchino saħaq li għal bosta drabi talab il-lista ta' kuntratti li hemm fis-seħħ, jew ippjanati lid-deputat Segretarju Eżekuttiv.

## 12.5 Rapporti;

12.5.1 Ġie diskuss fuq il-mejda ilment li rċieva l-Kunsill Lokali li fil-Bajja s-Sabiħa qed ikun irrapurtat li xi nies qegħdin iħallu l-klieb jiġerrew mingħajr osservazzjoni u qegħdin jikkawżaw il-ħmieġ, kif ukoll tfiegħ ta' ħġieġ imkisser. Bi qbiel, dan l-ilment ser jiġi msegwi mill-kunsilliera Sa Busuttil b'interventi mill-Green Wardens impjegati mil-LESA.

12.5.2 Fuq l-istess ilment 9.5.1 ġie diskuss ukoll li għandu jinħoloq sigurtà permezz ta' barikati fin-naħat tal-bandli u t-Teatru Grieg. Ġie ssuġġeriet lil kunsilliera Sa

Busuttil sabiex tavviċina lil Kunsill ta' Ħal Għaxaq jew Ta' Sliema għal suġġerimenti fuq proġetti simili fil-lokalità tagħhom. F'dan ir-rigward għandhom jiġu mitluba tliet kwoti għal dan l-imsemmi proġett.

12.5.3 Ġie diskuss talba li kienet ġiet ippreżentata lill-Kunsill Lokali f'Lulju 2019 fuq talba ta' rikolazzjoni ta' parkeġġ riżervat minn Triq Santa Katarina għal Triq Zaren Dalli. Talba mressqa minn operatur tal-ħaxix li jopera mit-Tnejn sas-Sibt bejn is-0600 u s-1400 ta' waranofsinhar. Kienet deċiża waqt is-seduta sabiex il-Kunsillier Sandro Alex Caruana jikkonferma mal-eks Aġent Segretarju Eżekuttiv aġġornament fuq din l-imsemmija talba. L-istess Kunsillier innotifika lill-Awtorità tat-Trasport li l-Kunsill ma jsib l-ebda eċċezzjoni għal din it-talba.

12.5.4 Il-Kunsill iddiskuta ilment imressaq mill-Għaqda Sajjieda Dilettanti fuq parkeġġ ta' dgħajjes mitluqa fiż-żona ta' parkeġġ riżervat għad-dgħajjes. Dan l-ilment ser jiġi ddiskuss waqt il-laqgħa proposta mas-sajjieda nhar id-9 ta' Jannar, 2020.

12.5.5 Waqt is-seduta l-Kunsill iddiskuta talba ta' kumpens fuq ilment imressaq minn sewwieq ta' vettura li ġarab ħsarat waqt li kien qiegħed isuq fi Triq San Patrizju. Fuq deċiżjoni mir-rapport li ġie ppreżentat mill-Bord kompost, intbagħat l-istess ilment flimkien mar-rapport lil Infrastructure Malta permezz ta' ittra rreġistrata, fejn il-Kunsill qed iwwissi li saħansitra lest li jagħlaq l-aċċess tat-Triq San Patrizju, sabiex jipprevjeni aktar rapporti ta' ħsarat għad-dannu tal-Kunsill. Il-Kunsill għandu jibqa' jsegwi l-każ mall-Infrasture Malta.

12.5.6 Talba għal sponsor mill-Kunsill għal bejgħ ta' 200 CDs bi prezz ta' €100 biex ikopru l-ispejjeż. Li ma talba ġiet irrifjutata mill-kunsilliera kollha preżenti.

12.5.7 Il-Kunsill laqgħa s-suġġeriment minn persuna li diġà qed joffri s-servizzi tiegħu fir-rigward ta' kontrol ta' titjir tal-ħamiem mill-area magħrufa tas-SeaBreeze. Għaldaqstant qed jipproponi li l-gaġġa tiġi rilokata għal fuq il-bejt tal-Knisja Parrokjali. Ġie deċiż waqt il-laqgħa, li l-Kunsillier Sandro Alex Caruana għandu javviċina lil Kappillan b'din il-proposta.

12.5.8 Bi qbiel il-Kunsill laqgħa t-talba sabiex jipprovdi transport għall-ħruġ lill-anzjani li jattendu ġewwa d-Day Centres. Is-Supervisor tad-Day Centre għandha tinnotifika lil Kunsill bil-quddiem il-ġranet meħtieġa flimkien mal-ammont ta' passiġiera li jkunu ser jagħmlu użu minn dan is-servizz.

12.5.9 Il-kunsilliera preżenti flimkien mas-Sur Sindku ddiskutu ittra mibgħuta lil Kunsill Lokali f'Novembru mill-Uffiċċju tal-Ombudsman, fejn ġie rrapurtat storbju u ħsejjes fl-akwata tal-football ground li qed iddejjaq lir-residenti tal-madwar, b'mod speċjali meta jkun hemm xi logħob partikulari bis-sehem tal-baned u ħornijiet tal-arja. Il-Kunsill wieġeb lil imsemmi uffiċċju fejn bi pjaċir ħabbar li fil-ġranet li ġejjien ser jitħawlu siġar taċ-Ċipress sabiex ikun jista' jitnaqqas l-effett ta' dan l-istorbju. Dan il-każ qed jiġi segwiet mill-kunsilliera responsabbli għal dawn ix-xogħlijiet.

12.5.10 Waqt is-seduta ġie diskuss ilment li rċeviet l-assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali f'isem ir-residenti ġewwa l-Qajjenza fejn ilmentaw illi f'Settembru resqu talba lil

Kunsill għall-installazzjoni ta' kaxxa għad-dispożizzjoni għal ħmieġ tal-klieb fi Triq Bourlemaque. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li għandha titpoġġa kaxxa immedjatament mill-ħaddiema tal-Kunsill li diġà hemm għad-dispożizzjoni fil-maħżen tal-Kunsill.

12.5.11 Isemmgħa wkoll rapport li kien ġie preżentat lil Kunsill f'Ottubru fuq banner fil-viċinanzi ta' Villa Overhills. Dan l-ilment kien diġà ġie segwiet.

12.5.12 Waqt is-seduta ssemmgħa lment li rċieva l-Kunsill f'Novembru dwar bus shelter imkisser fi Triq Ħal Far u li għandu bżonn manutenzjoni. Ġie deċiż li ħaddiem fi ħdan il-Kunsill għandu jmur sabiex jispezzjona lil imsemmi bus shelter.

## 12.6 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti

12.6.1 Saret talba sabiex jingħata Performance Bonus lil wieħed mil-ħaddiema li qed joffri servizz lil Kunsill. Din it-talba ġiet approvata mill-maġġoranza tal-kunsilliera preżenti. L-ammont dovut għandu jiġi deċiż mis-sindku.

12.6.2 Ġew imressqa kontijiet għal servizzi ta' qtugħ ta' ħaxix ħażin minn diversi toroq. Il-kunsilliera preżenti kollha qablu fuq dawn il-kontijiet li ġew ippreżentati.

**12.7 Mozzjonijiet**

12.7.1 Ma kienx hemm

## 12.8 Traffiku u Parkeġġ

12.8.1 Il-Kunsill irċieva ilment mill-Unscheduled Bus Service fejn intqal li qed isir parkeġġ illegali ta' vetturi fuq żoni riservati għat-trasport provdut lill-iskola u li qed iħalli impatt negattiv lill-istudenti li jagħmlu użu minn dan is-servizz. Għaldaqstant ġie diskuss sabiex il-Kunsill jikkonferma mal-kuntrattur fuq tabelli li suppost kienu diġà mwaħħla li jindikaw projbit ta' parkeġġ fiż-żona msemmija (Triq Zaren Dalli), bil-ħinijiet li jaqraw bejn it-0800 – 0900 u s-1400 – 1500.

12.8.2 Sar ilment ukoll fuq parkeġġ ta' vetturi li qed ikunu pparkjati quddiem il-clothes banks provduti, kaġun illi s-servizz ta' tbattal ma jkunx jista' jkun provdut minħabba dan l-ostaklu. Il-Kunsill wieġeb permezz ta' emajl lill-operatur sabiex jindika ż-żona preċiża, filwaqt li nnotifikah li jista' jerġa' jqiegħed f'posthom il-clothes banks fejn ġa kienu jeżistu qabel fi Triq Zaren Dalli.

## 12.9 Applikazzjonijiet ta' żvilupp

12.9.1 Applikazzjoni mressqa fuq żvilupp ta' garaxx li illu jopera. L-ebda oġġezzjoni ma nstabet mill-kunsilliera preżenti ġaladarba l-Kunsill ma rċieva l-ebda ilment mir-residenti tal-madwar.

12.9.2 Applikazzjoni sabiex jingħata permess lil operatur ta' kiosk, talba għal remote control tax-xatba li teżisti minn quddiem il-Każin Laburista peress li l-istess operatur ġa għandu l-meter tad-dawl fil-Bajja s-Sabiħa. Intlaħqet deċiżjoni fejn l-operatur għandu jiġi magħraf li s-sistema ser tinbidel u li l-Kunsill għandu bżonn ta' aktar dokumenti f'dan ir-rigward.

## 12.10 Dawl tat-toroq

12.10.1 Il-Kunsillier Stanley Zammit ressaq proposta relatata għal segregazzjoni tas-circuits tad-dawl dekorattiv ta' madwar il-Bajja s-Sabiħa. Il-Kunsilliera kollha preżenti waslu għal ftehim sabiex l-imsemmi kunsillier iġib kwota mingħand il-kuntrattur.

12.10.2 Talba mill-Kunsillier Stanley Zammit sabiex tintlaqa' approvazzjoni dwar talba min-numru ta' bdiewa għal aktar arbli tad-dawl ġewwa Triq Wied il-Qoton. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera kollha preżenti sabiex il-proposta tal-Kunsillier Stanley Zammit tiġi implimentata.

## 12.11 Attivitajiet

Ma kienx hemm.

## 12.12 Offerti Pubbliċi u kuntratti.

12.12.1 Ġie ddiskuss fuq il-mejda l-kuntratt li ngħata lil kuntrattur għat-tisbiħ tal-ġonna, fejn is-Sindku wera t-tħassib tiegħu fuq dan ir-rigward. Il-Kunsill għandu jirrevedi l-kuntratt iffirmat u javża lil kuntrattur bin-nuqqasijiet preżenti. Il-Kunsilliera responsabbli mill-ambjent u l-indafa, għandha ssegwi mill-qrib dan il-każ.

## 12.13 Proġetti u Xogħlijiet

12.13.1 Il-Kunsillier Sandro Alex Caruana pproċeda sabiex jibda x-xogħol għal bust ta' San Ġorg Preca, li ma bust il-Kunsill jixtieq li jiġi nawgurat nhar id-9 ta' Mejju 2020.

12.13.2 Il-Kunsillier Scott Camilleri staqsa jekk kienx sar xi tip ta' follow up għal condition report li l-Kunsill Lokali kien irċieva rigward Triq l-Imnarja. Il-kunsillier Sandro Alex Caruana segwa dan il-każ mal-Ogħla Uffiċjal Eżettiv ġewwa l-Awtorità tat-Trasport.

12.13.3 Il-Kunsillier Scott Camilleri tkellem ukoll fuq il-proġett tal-iskate park u l-problemi kollha tiegħu. Għaldaqstant ġiet approvata laqgħa mal-Avukat fuq dan ir-rigward, għal Ġimgħa, 10 ta' Jannar 2020, ġewwa l-binja tal-Kunsill Lokali.

12.13.4 Il-Kunsillier Sandro Alex Caruana ressaq talba lill-Awtoritá tat-Trasport għal bus stops sabiex jerġgħu jiġu rrilokati minn Triq Marnisi għal Triq Għar Dalam u minn Triq Freeport ħdejn Triq is-Sebħ għal ħdejn is-sub station.

12.13.5 Talba oħra tressqet mill-Kunsillier Sandro Alex Caruana lill-Awtorità tat-Trasport għal parkeġġ provdut għan-nies bi bżonnijiet speċjali fi Triq Sant Anġlu l-area ta' bejn Misraħ il-Pajtier, salib it-toroq ma' Triq Santa Rita u parkeġġ ieħor fi Triq San Pietru.

## 12.14 Binja tal-Kunsill Lokali

12.14.1 Saru xi proposti fuq extenzjoni tal-bini għal aktar sulari fuq il-binja. Dawn il-proposti għandhom jerġgħu jiġu diskussi.

12.14.2 **Amministrazzjoni**

12.14.3 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv aġġorna lill-Kunsill Lokali bil-proċess li kien għaddej għal ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv fuq bażi full-time.

12.14.4 Ġew imressqa wkoll ir-rapporti tal-ħaddiema amministrattivi ġewwa l-Kunsill għat-talba tal-Performance Bonus. It-talba ġiet aċċetatta u approvata mill-kunsilliera kollha preżenti.

12.14.5 Fis-seduta tressqet ukoll it-talba għal approvazzjoni ta' żewġt skrivani ġodda ġewwa l-Kunsill. B'mod immedjat għandu jimtela l-post vakanti minflok l-iskrivan preċidenti, filwaqt illi għandha tinħoloq sejħa oħra għat-tieni skrivan/a.

12.14.6 Il-Kunsilliera preżenti kollha waslu għal ftehim li l-ebda Performance Bonus m'għandu jingħata lill-iskrivan preċidenti. Din id-deċiżjoni kienet ikkonfermata li taqbel mal-kundizzjonijiet tad-dipartiment tal-Riżorsi Umani fi ħdan il-Kunsilli Lokali.

**12.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

12.15.1 Is-Seduta ntemmet fit-8:30 ta' filgħaxija wara li ġiet eżawrita l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar L-Erbgħa, 8 ta' Jannar, 2020, fil-5:30 ta' filgħaxija, ġewwa l-binja tal-Kunsill Lokali

Konfermati, illum 3 ta' Frar, 2020.

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

_________________ _________________

Joseph Farrugia
Sindku

Rosalie Mintoff
Aġent Segretarju Eżekuttiv